

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Settembru 2021 – Al-Imam vs Il-Kunsill(Kawża T-203/20) ⁽¹⁾**(“Politika estera u ta’ sigurtà komuni – Miżuri restrittivi kontra s-Sirja – Iffriżar ta’ fondi – Drittijiet tad-difiża – Dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva – Żball ta’ evalwazzjoni – Proporzjonalità – Dritt għall-proprjetà – Ħsara għar-reputazzjoni”)**

(2021/C 462/48)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Maher Al-Imam (Damasku, is-Sirja) (rappreżentant: M. Brillat, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: V. Piessevaux u M.-C. Cadilhac, aġenti)

Suġġett

Minn naħa, talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/255/PESK tal-31 ta' Mejju 2013 dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja (ĠU 2013, L 147, p. 14, rettifika fil-ĠU L 190, 27.7.2018, p. 20), tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012 tat-18 ta' Jannar 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 442/2011 (ĠU 2012, L 16, p. 1, rettifika fil-ĠU 2014, L 294, p. 59, ĠU L 190, 27.7.2018, p. 20), tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/212 tas-17 ta' Frar 2020 li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja (ĠU 2020, L 43 I, p. 6), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/211 tas-17 ta' Frar 2020 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja (ĠU 2020, L 43 I, p. 1), tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/719 tat-28 ta' Mejju 2020 li temenda d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja (ĠU 2020, L 168, p. 66), u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/716 tat-28 ta' Mejju 2020 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja (ĠU 2020, L 168, p. 1), sa fejn dawn l-atti jikkonċernaw lir-rikorrent u, min-naħa l-oħra, talba bbażata fuq l-Artikolu 268 TFUE u intiża biex jinkiseb kumpens għad-dannu li r-rikorrent allegatament ġarrab minħabba dawn l-atti.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Maher Al Imam huwa kkundannat għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 201, 15.6.2020.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Settembru 2021 – Moviescreens Rental vs EUIPO – the
airscreen company (AIRSCREEN)**(Kawża T-250/20) ⁽¹⁾**(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità – Trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva airscreen – Raġunijiet assoluti għal rifjut – Nuqqas ta’ karattru deskrittiv – Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001) – Karattru distintiv – Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001)”)**

(2021/C 462/49)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Moviescreens Rental GmbH (Damm, il-Ġermanja) (rappreżentanti: D. Schulz u P. Stelzig, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: R. Manea u A. Söder, aġenti)